# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 17 ta' Settembru 2024**

**Nru: 6**

**Rikors Ġuramentat Nru. 1218/2022**

## Roberto Cristiano

**v**

## Air Malta p.l.c.

**Daħla**

1. Is-sur Roberto Cristiano ("RC") kien impjegat mal-Air Malta p.l.c. ("Air Malta"). Jgħid li għas-snin finanzjarji 2016-17 u 2018-19 u għal perjodu ta' xahrejn fis-sena finanzjarja 2019-20 hu kellu jitħallas bonus skont il-kuntratt tal-impjieg tiegħu; u li dan il-bonus ma tħallasx.

2. L-Air Malta tgħid li d-dritt ta' RC li jressaq din il-kawża ntilef bil-mogħdija taż-żmien jew, kif ngħidu, ġie preskritt. Tgħid ukoll, sussidjarjament, li RC ma kienx intitolat għal bonus għas-snin in kwistjoni.

3. Din is-sentenza hi dwar l-ewwel difiża tal-Air Malta, jiġifieri dwar jekk l-azzjoni ta' RC hix preskritta.

## Ir-rikors ġuramentat

*Il-premessi*

4. RC jagħti dawn ir-raġunijiet għal dak li qiegħed jitlob:

1 Illi huwa kien impjegat tas-soċjeta' Air Malta plc. bejn il-5 ta' Jannar, 2015 u l-aħħar tax-xahar ta' Mejju, elfejn u dsatax (2019);

2 Illi l-aħħar kariga li okkupa l-attur esponenti kienet dik ta' *Chief Officer People and Performance* u dan ai termini ta' kuntratt ta' impjieg għal żmien definit bejn il-mittenti u l-kumpannija Air Malta p.l.c. iffirmat nhar l- 4 ta' Jannar, 2018, liema kopja awtentika tal-kuntratt ta' impjieg qiegħdha Jiġi hawn anness u mmarkat bħala "***Dok RC1***". Qabel dan huwa kien jokkupa l-kariga ta' Chief Officer Human Resources u dan skont kuntratt ta' impjieg datat il-5 ta' Jannar, 2015 li ser jiġi esebit fl-atti ta' din il-kawża;

3 Illi skont il-klwawsola bin-numru 6.2 tal-kuntratt ta' impjieg datat il-5 ta' Jannar, 2015, l-attur kien intitolat għal *Performance Bonus* ta' għaxart elef Ewro (€10,000) fis-sena;

4 Illi ai termini tal-kuntratt iffirmat fl-4 ta' Jannar, 2018, mmarkat bħala "***Dok RC1***", l-attur esponenti kien ukoll intitolat għal performance bonus hekk kif ġej:

> *6.2. The COPP shall be entitled to an annual Performance Bonus of twenty thousand Euro (€20,000) over basic salary if and to the extent that relevant key performance indicators (KPIs) shall have been met. Such KPIs shall be set by the Company, after consultation with the HFC, on a fair and reasonable basis before the commencement of each financial year of the Company.*
>
> *6.3. Moreover, given the position of the Chief Officer Human Resources and Development, the Company reserves the right to review the COPP's contract on a yearly basis subject to satisfactory performance of the Chief Officer Human Resources and Development and KPI's established by the Company being understood that the final decision as to the reviewing of the COPP's performances rests with the Company."*

5 Illi minkejja illi tul l-impjieg tiegħu l-kumpannija intimata qatt ma ġew stabbiliti Key Performances Indicators (KPIs) b'mod formali, l-attur dejjem qeda bir-reqqa l-obbligi kollha tiegħu u r-rendiment tiegħu fil-kors tal-impjieg tiegħu kien wieħed tajjeb u sodisfaċjenti;

6 Illi kif ser jirriżulta fil-kors ta' din il-kawża, huwa tħallas il-*performance bonus* biss fis-sena hekk 2018 filwaqt li għas-snin l-oħra fis-servizz tal-kumpannija huwa qatt ma tħallas skont stipulat fil-kuntratti ta' impjieg u dan minkejja li l-attur dejjem qeda l-funzjonijiet tiegħu b'mod sodisfjaċenti;

7 Illi minkejja li s-soċjeta' intimata ġiet interpellata mill-attur diversi drabi sabiex taffettwa l-ħlas dovut bħala *performance bonus* ta' tliet snin finanzjarji u ċioe:

- għall-perjodu ta' bejn l-ewwel (01) ta' April, elfejn u sittax (2016) sal-wieħed u tletin (31) ta' Marzu, elfejn u sbatax (2017) fl-ammont ta' għaxart elef Ewro (€10,000),

- għall-perjodu ta' bejn l-ewwel (01) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) u l-31 ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-ammont ta' għoxrin elf Ewro (€ 20,000),

- għall perjodu t'a bejn l- l-ewwel (01) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) u l-31 ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-ammont ta' tliet elef tliet mija tlieta u tletin Ewro (€3,333)

8 Illi fil-31 ta' Ottubru, 2022, l-attur intavola ittra uffiċċjali fil-konfront tas-soċjeta' intimata li ġġib in-numru 4595/2022, u kopja legali tagħha qiegħdha tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **"Dok CR2"**, iżda sal-ġurnata tal-preżentata ta' din il-kawża is-soċjeta' intimata baqgħet tinjorah;

9 Illi għar-raġunijiet kollha suesposti , kellha ssir din il-kawża

*It-talbiet*

5. RC talab lill-qorti:

1 **Tiddikjara** illi s-soċjeta' intimata għandha tħallas lill-attur, ai termini tal-kuntratti bejn il-kontendenti kif hawn fuq premess l-annual Performance Bonus għall-perjodu ta' bejn l-ewwel (01) ta' April, tas-sena elfejn u sittax (2016) sal-wieħed u tletin (31) ta' Marzu, tas-sena elfejn u sbatax (2017), għall-perjodu ta' bejn l-ewwel (01) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) u l-31 ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) u għall perjodu t'a bejn l- l-ewwel (01) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) u l-31 ta' Mejju, tas-sena elfejn u dsatax (2019);

2 **Tillikwida** l-ammont dovut lill-attur fis-somma ta' tlieta u tletin elf tliet mija tlieta u tletin Ewro (€33,333) jew kwalsiasi somma verjuri li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuna;

3 **Tordna** lis-s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont hekk kif likwidat;

Bl-ispejjeż kollha inkluż dawn tal-ittra uffiċċjali 4595/2022 tal-31 ta' Ottubru, 2022 u bl-imgħax skont il-liġi.

## Ir-risposta tal-Air Malta

6. L-Air Malta ressqet dawn ir-raġunijiet għaliex, fil-fehma tagħha, t-talbiet ta' RC għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu:

1 Preliminarjament jiġi eċċepit illi parti mit-talba tar-rikorrent hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2156(d) u 2156(f) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, u s-soċjetà konvenuta tiddikjara illi ma taf li għandha tagħti ebda ħlas lill-attur kif qed jesiġi;

2 Illi fi kwalunkwe każ, it-talbiet tal-attur huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda għar-raġunijiet segwenti u abbażi tal-fatti kif se jiġu esposti waqt is-smigħ tal-kawża;

3 Illi sussidjarjament għall-premess, l-azzjoni tal-attur għandha tiġi respinta billi s-soċjetà eċċipjenti ma għandha tagħti xejn iktar lill-attur dwar dak reklamat minnu f'din il-kawża u dan għaliex, fl-unika sena li kien eliġibbli għal ħlas ta' bonus, dan ingħatalu, kif ikkonferma hu stess;

4 Illi kif ir-rikorrent jinsab ben konoxxenti, u kif huwa stess ġieli xehed fi proċeduri oħra, il-policy tal-kumpannija li twassal għall-għoti ta' performance bonus hija bbażata fuq kriterji u metriċi speċifiċi li kienu applikabbli fis-snin li r-rikorrent kien impjegat mas-soċjetà konvenuta;

5 Illi tul il-kors tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta, partikolarment bħala Chief Officer People and Performance, ir-rikorrent kien intrinsikament responsabbli li jiżgura li tiġi applikata l-policy tal-kumpannija proprju rigward il-*Performance*;

6 Illi hija sitwazzjoni perversa kif ir-rikorrent qed jallega nuqqas daparti tas-soċjetà konvenuta f'responsabbiltà li kienet effettivament fil-mansjoni tiegħu; ossia l-presunt nuqqas tal-kumpannija huwa nuqqas fl-eżekuzzjoni tad-doveri tiegħu stess bħala Chief Officer People and Performance;

7 Illi fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, kemm-il darba l-attur jinsisti li kien eliġibbli li jingħata l-Performance Bonus, għandu jġib prova suffiċjenti li tiġġustifika t-talba tiegħu;

8 Illi għalhekk, it-talbiet tal-attur huma pjenament infondati fil-fatt u fid-dritt billi kif se jirriżulta waqt is-smigħ ta' din il-kawża, ebda ħlas, la dak ta' performance related pay u lanqas xi forma ta' ħlas ieħor reklamat f'din il-kawża ma hu ġustifikat jew dovut.

## Il-prova tal-Air Malta

7. Il-prova tal-Air Malta ħadet il-forma ta' affidavit ta' Dr André Borg, segretarju tal-kumpannija.[1] Fih qal, fil-qosor u sa fejn hu rilevanti għall-finijiet ta' din is-sentenza, li filwaqt li l-kuntratt tal-impjieg kien jaħseb għal bonus, dan ma kienx dovut b'mod awtomatiku. Il-ħlas, jew aħjar id-dritt għal ħlas ta' bonus, kien dipendenti fuq KPIs, jew *key performance indicators*, kemm fir-rigward tal-prestazzjoni tal-kumpannija u kif ukoll fir-rigward tal-prestazzjoni ta' RC. Iktar minn hekk, jekk il-kumpannija ma tkunx laħqet l-oġġettivi tagħha, RC ma kien ikollu dritt għal ebda bonus, irrispettivament minn kemm ikun mar tajjeb hu personalment meta l-prestazzjoni titqabbel mal-indikaturi applikabbli għalih. Kompla jgħid li filwaqt li kemm il-kumpannija u kif ukoll RC issodisfaw l-indikaturi tagħhom għas-sena finanzjarja 2017-18 u, għalhekk, RC tħallas bonus għal dik is-sena, l-Air Malta ma laħqitx l-indikaturi għas-snin u għall-perjodu in kwistjoni u, għalhekk, hu m'għandux dritt għal bonus fir-rigward tagħhom. Fi kliemu:

> "F'dan ir-rigward, il-kumpanija tiddikjara li m'għandha xejn dovut lil Roberto Cristiano f'termini ta' ħlas ta' Performance Bonus fis-snin fejn il-kumpanija ma laħqitx il-KPIs operattivi tagħha, u dan għaliex id-direzzjoni dejjem kienet waħda ċara kif taħdem din il-policy. Fi kliem ieħor, il-kumpanija mhijiex iżżomm milli tħallas xi ammonti li taf li huma dovuti, u dan mhux biss fir-rigward ta' Roberto Cristiano iżda għal kulhadd."[2]

[1] Paġ. 47 - 49
[2] Paġ. 48

**L-artikolu 2160 tal-Kap. 16**

8. L-artikolu 2160(1) tal-Kap. 16 jgħid li l-preskrizzjonijiet magħrufa bħala dawk qosra "m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċeppuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa."

9. L-Air Malta tgħid li dak li l-eċċezzjoni għandha jkollha effett għaliex (i) jingħad, fir-risposta ġuramentata tagħha, li "ma taf li għandha tagħti ebda ħlas lill-attur kif qed jesiġi"[3]; u (ii) dan ġie kkonfermat mill-avukat Borg fl-affidavit tiegħu.[4]

10. Dan li ngħad fir-rikors ġuramentat m'għandux jitqies, għaliex l-artikolu 2160(1) irid li l-ġurament jittieħed – jew kif tgħid il-liġi b'mod kemxejn stramb, jingħata – waqt il-kawża minkejja li l-kawża trid tinbeda b'rikors ġuramentat li fih ikun hemm inklużi l-fatti rilevanti.

11. Jekk induru għall-ġurament tal-avukat Borg, dan ma jissodisfax dak li jrid l-artikolu 2160 tal-Kap. 16, għaliex min jagħti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hu mistenni li joqgħod preċiżament ma dak li jrid l-artikolu: irid jgħid jew li mhux debitur, jew li ma jiftakarx li l-ħaġa ġietx imħallsa. Xejn iktar; u xejn inqas. Mhux permess li jittenta jiġġustifika għaliex il-ħlas mhux dovut, kif għamel l-avukat Borg. Dan spjegatu l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet *Tabib Prinċipali tal-Gvern v Georgina Muscat*[5] f'dawn il-kliem:

> "Il-formula tal-ġurament hi inalterabbli u l-allegat kreditur ma jistax joqgħod jitlob spjegazzjonijiet oħra lill-konvenut, bħal per eżempju il-kawża ta' l-estinzjoni, imma għandu joqgħod strettament għall-formula tal-ġurament, li għal dik li jirrigwarda l-allegat debitur hi waħda jew l-oħra mit-tnejn speċifikati fl-Artikolu 2265(1) [illum 2160(1)]".

12. Meta ngħatat din is-sentenza, kien il-kreditur li, skont l-artikolu 2160(1) (kif inhu numerat illum), seta' jeħtieġ li jingħata l-ġurament lil min ikun qajjem il-kwistjoni dwar il-preskrizzjoni. Illum, bl-emendi tal-2017, hu min iqajjem il-preskrizzjoni li jrid, minn jeddu, jieħu l-ġurament. Imma kif qalet din il-qorti, presjeduta mill-Onor. Imħallef G. Mercieca,

---

[3] Para. 1 tar-risposta ġuramentata, paġ. 21
[4] Para. 23 – 25 tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-Air Malta, paġ. 84 – 85
[5] Deċ. 8 ta' Marzu 1978; ara ukoll *Vincenzo Vella v Carmela armla Sciberras,* Qorti Ċivili, Prim'Awla, 16 ta' Jannar 1963

> fil-kawża *Sacha Cassar v MAPFRE Middlesea plc et*[6] "il-formula ta' ġurament xorta baqgħet sagramentali, u kull devjazzjoni minnha ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eċċezzjonijiet."[7]

Għan din ir-raġuni - fost oħrajn possibli [8] - il-qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Air Malta, bl-ispejjeż kontra tagħha.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

[6] 1074/2022, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċ. 12 ta' Ottubru 2023

[7] *Ibid,* paġ. 7. Ara ukoll, għall-bażi li fuqhom huma mibnija l-preskrizzjonijiet hemm imsejħa qosra, *Amparo Laroco Lopez v Mary Martin et,* Qorti tal-Appell, deċ. 11 ta' April 2024.

[8] Ara b'mod partikolari l-argument ta' RC li, bil-mod kif iddefendiet ruħha l-Air Malta (in effett billi rrikonoxxiet id-dritt riżultanti mill-kuntratt tal-impjiet, imma li l-kondizzjonijiet biex japplika dak id-dritt ma ġew soddisfatti), l-Air Malta rrinunzjat għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni (ara para. 11 – 14 tan-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, paġ. 89 – 91).